**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 249/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Claudette Rodgers**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Claudette Rodgers, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 379281M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta tal-16:20hrs, fi Triq Wignacourt, Birkirkara, kantuniera ma' Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, saqet vettura b'numru tar-reġistrazzjoni DOR920:

1. Naqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kienet ħierġa għal fuq triq prinċipali.
2. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involuntarjament ikkaġunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Glenn Debattista skond kif iċċertifika Dr. Daniel Desira M.D mill-M.D.H.

Illi, l-Prosekuzzjoni talbet lill-Ewwel Qorti ukoll sabiex, f'kaz ta' ħtija, l-imputata tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tas-sewqan kif ukoll jitnaqqsulha l-punti mill-

liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18, Art. 68B u fil-L.S. 65,18, Sitt Skeda.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, iddikjarat lill-imputata ħatja tal-akkuzi kollha miġjuba kontra tagħha u kkundannatha tħallas multa ta' ħames mitt Euro (€500) u sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Claudette Rogers, ppreżentat fis-26 ta' Lulju 2021, fejn talbet lil din l-Qorti tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dan billi tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-esponenti instabet ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha u kkundannata għal multa ta' ħames mitt ewro (€500) u sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta' tmint (8) ijiem u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnha ntentat, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti meta sabitha ħatja għas-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proċeduri Hija ssejjes dan l-aggravju fuq tlett binarji, senjatament:

i) Il-Kredibbilita' tax-Xhud Glenn Debattista,

ii) L-Interpretazzjoni tal-Iskizz tas-Surġent, u

iii) In-Nuqqas ta' Responsabbilita' tal-Esponenti għall-Inċident *de quo.*

Illi sabiex jiġu mistħarrġa l-aggravji imqanqla mill-appellanti, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi minn eżami ta'l-atti probatorji jemerġi illi nhar is-26 t'Ottubru tas-sena 2020 għall-ħabta tal-16:25hrs, il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata illi fi Triq Dun Gejtano Mannarino, Birkirkara, seħħet ħabta bejn mutur u vettura u li x-xufier tal-mutur safa' mweġġa. Il-Pulizija irrikorrew fuq il-post fejn sabu lill-vittma mimdud ma' l-art, bil-mutur tiegħu ftit tad-distanza 'il bogħod. Irrizulta li l-istess mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF-206 kellu impatt ma' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DOR-920 li kienet qed tinstaq mill-appellanti. Skond il-"*Full Road Traffic Accident Report*" ippreżentat in atti, *a tempo vergine* l-appellanti stqarret hekk:-

> ***Jiena kont qiegħda nsuq il-vettura tiegħi Reg. DOR920 fi Triq Wignacourt, Birkirkara, sejra fid-direzzjoni lejn Triq Filippu Borg. X'ħin wasalt biex naqsam Triq Dun Gejtanu Mannarino, jiena waqaft. Hemmhekk jien iċċekjajt jekk kienux ġejjin vetturi minn fuq ix-xellug tiegħi fejn rajt li ma kienux ġejjin filwaqt li minn fuq il-lemin tiegħi, kien ġej vann abjad li pero' ċedili biex noħroġ. Għalhekk jien bdejt ħierġa biex naqsam għal faċċata fejn x'ħin kont diġa qsamt, ġie mutur li qabez minn barra dak il-vann li kien ċedili u baqa' dieħel fuq in-naħa tal-lemin ta' wara tal-vettura tiegħi.***

Illi, sussegwentement, il-vittma kien ittieħed għall-kura ġewwa l-Isptar u kienet ittieħditlu stqarrija l-għada, fejn stqarr hekk:-

> ***Jiena kont qiegħed insuq il-mutur tiegħi (CCF206) fi Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, sejjer fid-direzzjoni mill-Imsida lejn il-McDonalds ta' Birkirkara. Ġara li f'ħin minnhom, qabdet u ħarġet vettura minn naħa tax-xellug tiegħi biex taqsam għall-faċċata bil-konsegwenza li għalqitli t-triq.***

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

***F'dawn l-istanti, jiena pruvajt nevita l-impatt billi nidħol 'l ġewwa izda xorta spiċċajt biex ħbatt man-naħa tal-lemin ta' wara ta' dik il-vettura fejn konsegwentement spiċċajt biex tirt minn fuq il-mutur u waqajt fl-art.***

Illi l-vittma sofra grieħi gravi f'dan l-inċident.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti, tilmenta illi l-verzjoni mogħtija minn Debattista ma kenitx waħda kredibbli billi din ittieħdet l-għada ta'l-inċident meta allura kellu ħin biżżejjed biex iqis dak li kien ser igħid lill-uffiċjal li kienu qed jinvestiga dan is-sinistru. Illi ġie hekk deċiż:

**"biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti"**[2]

Illi bejn iż-żewġ verżjonijiet tal-fatti mogħtija mit-tnejn minn nies involuti f'dan is-sinistru stradali hemm punt wieħed ta' diverġenza u dan fir-rigward tal-presenza ta'l-vann abjad li kien qed isuq fi Triq Mannarino u li skont il-verzjoni tal-appellanti waqaf biex iċedielha sabiex hija taqsam l-inkroċju u tibqa' sejra dritt għal ġo Triq Dun Filippu Borg. Il-parti offiża dan il-vann ma jsemmiehx, u jinsisti illi huwa kien qed isuq fil-karreġġjata tat-traffiku sejjer lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara, kellu viżwali tajba tat-triq u li kien hemm traffiku wieqaf iktar 'il isfel fi Triq Mannarino. Jinsisti li l-appellanti baqgħet ħierġa mingħajr ma waqqfet u osservaha tħares lura tkellem lil passiġġier li kien hemm bil-qiegħda warajha.

Issa il-Qorti eżaminat bir-reqqa iż-żewġ verżjonijiet tal-fatti ippreżentati minn Debattista u ċioe' dik mogħtija l-għada tal-inċident lill-ufficjal investigattiv u imbagħad id-deposizzjoni tiegħu fil-Qorti, u issib li hemm punt sottili ta' diverġenża li madanakollu fil-fehma tal-Qorti għandu risoluzzjoni għal vertenza. Illi fix-xiehda tiegħu, il-parti offiża isostni illi huwa dejjem baqa' jsuq fil-karreġġjata tiegħu tat-

[2] Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955.

traffiku u li ma qabiżx il-linja bajda li tifred iż-żewġ karreggjati. Illi l-Qorti, madanakollu tqis illi dan il-fatt mistqarr minn Debattista ma isibx konfort fil-provi indizzjarji u ukoll f'dak minnu mistqarr *a tempo vergine*. Ibda biex fil-verzjoni moghtija lill Pulizija Debattista igħid illi meta ra il-vettura tal-appellanti ħierġa ħabta u sabta minn triq Wignacourt ghal Triq Dun Filippu Borg, tant illi għalqitlu t-triq, huwa ipprova jevita l-impatt billi <u>jidħol 'il ġewwa</u>, iżda xorta spiċċa biex ħabat  man-naħa tal-lemin ta' wara tal-vettura. Dan il-fatt fil-Qorti ma jsemmiehx.

Illi minn daqqa t'għajn lejn l-iskizz tal-pulizija jidher illi l-mutur spiċċa mimdud fl-art imiss kważi mal-linja medjana tat-triq. Dan jindika allura, fil-fehma tal-Qorti, li meta Debattista kien tielgħa Triq Mannarino huwa kien jinsab lejn nofs it-triq, jekk mhux addirittura jmiss mal-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta, sabiex b'hekk il-Qorti hija proprensa aktar temmen il-verzjoni tal-fatti tal-appellanti u ċioe' illi kien hemm vann wieqaf u li l-vittma kien qed jissorpassah. Illi fuq kollox il-fatt illi l-mutur laqat il-vettura tal-appellanti fuq il-fanal tan-naħa ta' wara għandu jfisser illi l-appellanti kienet diġa' laħqet qasmet Triq Mannarino u kienet qed tibda tidħol għal ġo Triq Dun Filippu Borg, kif tikkontendi hi. Tant hu hekk illi Debattista jsostni illi ra lill-appellanti tħares lura liema fatt  jikkorrobora wkoll il-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanti meta tgħid illi  *"... x'ħin qbizt it-tieni lane, it-tifla qaltli 'Ma, Ma' u smajt bumm u kien il-mutur"*. Illi għalkemm il-minuri fix-xiehda tagħha ma ssemiex il-fatt illi hija qalet dan id-diskors lil ommha, madanakollu tixhed illi hija ndunat bil-presenza tal-mutur fit-triq qabel l-impatt, meta ratu ġej b'veloċita' fid-direzzjoni tagħhom. Dan seħħ x'aktarx għaliex kienet riekba fuq wara u l-impatt bejn il-vettura u l-mutur fil-fatt seħħet fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tal-appellanti.

Illi l-appellanti tilmenta illi l-iskizz magħmul mill-pulizija ta'l-inċident ma jirriflettiex il-kejl u il-konfigurazzjoni tat-triq bil-preċizjoni. Fil-fatt, tikkritika l-iskizz hekk kif imħejji minn PS 3 Kevin Grech billi l-metodu ta' kif kellu jsir il-kejl għandu jkun dak ta' trijangolazzjoni, li ma ntuzax f'dan il-każ, tant illi saħansitra lanqas hemm indikati xi qisien fuq l-istess skizz. Fil-fehma ta'l-appellanti, dan ipoġġi dubbji serji fuq fejn kien l-hekk imsejjaħ "*spot of impact*".

Dan magħdud, madanakollu, għalkemm huwa minnu dak li tikkontendi l-appellanti illi l-iskizz huwa nieqes mill-qisien li setgħu jindikaw aħjar il-konfigurazzjoni tat-triq:

> **"L-iskizzi li jiġu ppreparati mill-Pulizija tat-traffiku in segwitu għall-inċident stradali u li huwa ferm utli għall-awtorita' ġudizzjarja li eventwalment tiġi nvestita bil-kaz, għandhom ikunu limitati għal dak li 'actu' jista' jiġi konstatat 'de visu' meta l-Pulizija tmur fuq il-post, u ma għandhomx jikkomprendu r-rapprezentazzjoni grafika ta' rikostruzzjoni teknika tal-inċident.**"[3],

Illi, ukoll fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Peter Farrugia"[4], ġie ulterjormanent ritenut li:

> **"Meta jiġri inċident stradali u l-Pulizija tipprepara skizz dwar id-dettalji tal-kollizzjoni, hu desiderabbli li l-perit nominat mill-Qorti biex jirrelata dwar il-kollizzjoni jagħmel skizz ieħor 'to scale' u jannettieħ mar-relazzjoni tiegħu".**

Illi allura għalkemm l-iskizz jista' jkun wieħed li jsir mill-pulizija fuq kostatazzjonijiet magħmula minnu *ictu oculi*, xortawaħda huwa prova ammissibbli u determinanti li jista' jixħet dawl fuq id-dinamika ta'l-inċident. Fil-fatt fil-każ in diażamina l-Qorti hija tal-fehma illi l-iskizz jagħti konfort lil verżjoni tal-fatti tal-appellanti u dan għaliex mill-lok fejn jidher illi spiċċa l-mutur u il-persuna tal-vittma huwa evidenti illi Debattista kien qed isuq lejn nofs it-triq u dahal 'il ġewwa, kif qal hu lil pulizija, biex jevita l-vettura tal-appellanti li sab ma' wiccu hekk kif issorpassa il-vann l-abjad li ssemmi l-appellanti fix-xiehda tagħha. Illi fuq kollox il-wiesa' tat-triq ma setatx tippermetti lil vann u il-mutur igħaddu biswit xulxin fuq l-istess karreġġjata għax zgur li kienu imissu ma' xulxin, u bil-fors li l-vittma kellu jisporġi ruħu iktar 'il barra u jinvadi xi ftit il-karreġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta biex jiskapola l-vann.

**Ikkunsidrat:**

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura, il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi fl-ewwel lok il-mutur kien qed isuq fil-karreġġjata

[3] "Il-Pulizija vs Lawrence Callus Qorti tal-Appell Kriminali, 29.09.1962.
[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 13.10.1962

tiegħu tat-traffiku, u ukoll illi l-mutur seta' isuq parallel ma' vettura oħra, u dan għaliex il-wiesa' tat-triq ma kenitx tippermettielu jagħmel dan mingħajr periklu għat-traffiku ġej mid-direzzjoni l-opposta. Illi kellu jirriżulta mir-riżultanzi proċesswali illi Debattista ma żammx dak il-*proper lookout* għal utenti l-oħra tat-triq li kienu għaddejjin quddiemu f'dak il-mument għaliex kif kien qed joqrob l-inkroċju huwa kellu jirrallenta, iktar u iktar meta kien hemm vann wieqaf fin-nofs. Illi għalkemm huwa minnu li l-appellanti kellha iżżomm ukoll dik il-*proper lookout* meta tiġi biex taqsam inkroċju tat-traffiku ferm perikoluż, madanakollu jidher illi din kienet laħqet qasmet kważi l-inkroċju kollu meta seħħ l-impatt mal-mutur tant għalhekk illi l-Qorti temmen ukoll il-verżjoni mogħtija mill-minuri Amy Rodgers, li kienet riekba bħala passiġġier fuq is-sedil ta' wara tal-vettura, meta tistqarr illi rat il-mutur ġej b'veloċita elevata fid-direzzjoni tagħhom. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi r-responsabbilta' għall-inċident stradali mertu ta' dawn il-proċeduri jistrieħ unikament fuq l-ispalla tal-parti offiża Glenn Debattista, li għalkemm kien wasal viċin inkroċju ferm traffikuż, għoġbu jibqa' isuq b'veloċita elevata u issorpassa vann li kien wieqaf iċedi vettura oħra, mingħajr ma' ħa kont tat-traffiku li kien għaddej quddiemu. Fuq kollox li kieku l-vann waqaf biex iċedi lil persuna qed taqsam it-triq bil-pass, zgur li Debattista kien jispicca itajjru.

Illi, huwa prinċipju ben stabbilit li sewwieq għandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjaħ "*proper look out*". Ġie ritenut diversi drabi li:

> **"Hu dover ta' driver to see <u>*what is in plain view*</u>... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm *a proper lookout*... *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*"[5]**

Illi, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "... ***biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma***

[5] "<u>Il-Pulizija vs Roderick Debattista</u>", deċiza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

***kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet...***"[6].

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet allura huwa evidenti, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, li fuq kollox tat affidament lil verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellanti, illi l-kawza prossima tas-sinistru stradali mertu ta' dan il-każ kien is-sewqan traskurat tal-vittma u li l-appellanti kienet prudenti fis-sewqan tagħha meta waqfet fl-inkroċju u wara li aċċertat ruħha mit-traffiku li kien għaddej fit-triq f'dak il-mument, u wara li ċedielha vann li kien qiegħed fuq in-naħa tax-xellug tagħha, harġet bil-mod u kienet kwazi qasmet l-inkroċju kollu meta l-vittma ħabat man-naħa ta' wara tal-vettura tagħha.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u ħtija.

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[6] Deċiza nhar is-6 ta' Ġunju, 2003 per Onor. Imħallef V. DeGaetano.